# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 454/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**David Bonnici**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Bonnici detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 83777 M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Jannar 2007 u matul is-sitt xhur qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta'l-Ordinanza dwar il-medici perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazjoni mahruga mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) u aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar l-14 ta' Novembru 2002 mill-Magistrat Dott. G. Grixti LL.D., ta' nhar it-12 ta' Jannar 2004 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2004 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., ta' nhar id-29 ta' Lulju 2005 mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., ta' nhar l-1 ta' Novembru 2005 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., u ta' nhar is-16 ta' Novembru 2006 mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

c) u aktar talli kiser kondizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar it-22 t'Awissu 2005 mill-Magistrat A. Micallef Trigona LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, sabet lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur priginerija effettiva. In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tat-22 ta' Awwissu 2005 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, trattat mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini ikkonfermat l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, irrevokat l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 251, 86 u 87, 95, 96 u 97, 339(1)(e), 49 u 50, 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 u l-Artikolu 21 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-imsemmi David Bonnici ghal prigunerija ghal perjodu ulterjuri ta' tlett snin prigunerija effettiva. Ghal kull buon fini l-Qorti irrilevat li hija ma tratattax mal-hati ghal ksur tas-sentenza sospiza u ghal ksur ta' ordni ta' probation li bihom kien akkuzat u instab hati taghom fis-sentenza tat-22 ta' Awwissu 2005 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Ghaldaqstant, l-imputat gie kkundannat ghal perjodu globali ta' tlett snin u nofs prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Bonnici fil-11 ta' Ottubru, 2012 li bih talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah, u tipprovdi ghal-piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi, l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw pussess ta' droga eroina b'ammont inizzjalment iddikjarat mill-prosekuzzjoni ta' anqas minn gramma u eventwalment esebita bil-piz ta' 1.8 gramma, b'dan illi meta l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-dan ir-reat, xlietu ukoll bl-addebitu ta' recidiva b'diversi sentenzi kif ukoll bi ksur ta' ordni ta' probation maghmula bis-sahha ta' sentenza precedenti kontra tieghu. Relevanti ghall-fatti in kwistjoni, ukoll ghaliex dan huwa l-bazi tal-appell tal-imputat, kienet registrata ammissjoni fi stadju bikri tal-kawza u qabel dan,

proprju fl-inizzju tal-proceduri l-imputat kien kkonferma li d-droga in kwistjoni kienet eroina u li ghalhekk ma kienx hemm htiega ta' nomina ta' espert. Tajjeb li jkun inkluz ukoll li fl-istadju nizzjali l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat kellu jibbenefika mill-artikolu 29 ta' Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam dwar allegata interpretazzjoni zbaljata tal-ligi mill-ewwel Qorti u iehor dwar il-piena kominata li jqis bhala wahda eccessiva. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun osservat illi l-ewwel Qorti erogat piena ta' sitt xhur prigunerija dwar <u>l-ewwel</u> imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva b'dan illi kkonsidrat illi z-zieda fil-piena generata bl-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 hija newtralizzata bl-inzul taghha bis-sahha tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101. Kwantu t-tieni piena, u in osservanza tal-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 erogat dik il piena li deherilha xierqa dwar ir-reati kommessi precedentement daqs li kieku kienet ghadha kemm sabet lill-imputat hati taghhom. Gara, izda, u hawn hu l-ilment tal-imputat, illi meta l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha ma kienitx esebiet is-sentenza li bis-sahha taghha kien tqieghed taht ordni ta' probation. Kien wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi (konsistenti fid-deposizzjoni tal-ispettur prosekutur li esebixxa sensiela ta' sentenzi ghall-iskop tal-prova tar-recidiva) li l-imputat rregistra l-ammissjoni tieghu **<u>izda,</u>** wara li l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ssospendiet il-prolazzjoni taghha u ordnat li jitressqu provi fuq it-tielet imputazzjoni dwar il-ksur tal-ordni ta' probation;

3. Illi maghmula din l-osservazzjoni dwar is-sekwenza tal-procedura tas-sentenza appellata, jokkorri issa ezami tal-aggravju

tal-appellant li l-parti l-aktar relevanti tieghu qed tkun hawn riprodotta:

*Illi in effett fis-27 ta' Gunju 2012, il-Qorti ghamlet verbal fejn iddikjarat li kienet qed tiskontra diffikultajiet kbar tippronunzja ruhha rigward it-tielet imputazzjoni. Irrizulta li l-prosekuzzjoni kienet naqset milli tressaq provi dwar din l-imputazzjoni u in effetti l-anqas biss ma pprezentat kopja ufficcjali tas-sentenza relattiva.*

*Illi minhabba fil-premess, il-qorti ordnat li l-atti tal-kawza l-ohra jigu allegati mal-atti ta' dan il-process tramite l-opera tar-registratur tal-qorti.*

*Illi naturalment dan kollu huwa skorrett u inaccettabbli proceduralment.*

4. L-appellant hu tal-fehma illi l-operat tal-ewwel Qorti kien wiehed skorrett ghaliex pajjizna jhaddan sistema gudizzjarja akkuzatorja u mhux wahda inkwizitorja u b'hekk il-gudikant jasal ghall-gudizzju b'referenza ghall-provi mressqa u mhux fuq il-provi li jkunu ordnati mill-Qorti;

5. Ezaminati l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, l-ewwel dokument esebit huwa dak mmarkat Dok PG1. Dan, flimkien ma' dokumenti ohra kienu hekk prezentati seduta stante waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2011 u dan id-dokument partikolari huwa vera kopja fotostatika ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-konfront tal-

imputat odjern li biha, wara ammissjoni, kien instab hati u tqieghed taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin;

6. Jemergi ukoll illi fl-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2012, kien registrat is-segwenti:

*Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Grech u l-imputat.*

*Il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza stante li kellha diffikulta' sabiex titratta mal-imputat dwar l-imputazzjoni 'c' u cioe li kiser kundizzjoni moghtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 t'Awwissu, 2005.*

*Il-Qorti tordna li jigu allegati l-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (spettur Jesmond J. Borg versus David Bonnici", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-22 t'Awissu, 2005 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona.*

7. Illi minn ezami akkurat tal-atti, allura jirrizultaw zewg inezattezi fl-appell intentat mill-imputat. Fl-ewwel lok, mhux minnu li l-prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi kopja formali tas-sentenza in kwistjoni. Fit-tieni lok, mhux minnu li l-ewwel Qorti ordnat li tingieb prova tal-prosekuzzjoni wara li din tal-ahhar ddikjarat li ma kienx ghad fadlilha provi. Il-kopja tas-sentenza in kwisjtoni hija ffirmata bhala Vera Kopja Fotostatika ghar-Registratur. Inoltre, dak li ghamlet l-ewwel Qorti kien li ordnat li jkunu allegati l-atti li ghaddew in gudikat **mhux** ghaliex in atti ma kienx hemm kopja tas-sentenza, **<u>izda</u>**, u ma hemm l-ebda raguni logika ohra ghal dan ghajr li ghaliex mis-sentenza ma kientix tohrog cara l-entita' jew il-gravita' tas-sitwazzjoni li ghaliha

tirreferi dik is-sentenza. Tant hu hekk illi f'dik is-sentenza, wara li l-Magistrat decident accetta l-ammissjoni tal-imputat ddikjarat hekk: "*L-akkuzi jidhru impressjonanti. Il-gravita taghhom pero' hi mitigata minn cirkostanzi konnessi ma' nstabilita' psikika tal-imputat li qieghed jinghata trattament li jidher li qieghed ihalli r-rizultat mixtieq. Fil-fatt l-akkuzi jsibu l-origini taghhom f'komportament anomalu tal-imputat mal-genituri tieghu*";

8. Illi minn dik l-osservazzjoni huwa bil wisq evidenti illi dik il-Qorti kellha informazzjoni dwar il-kondizzjoni psikika tal-imputat li, skond hi, kien qed jinghata trattament li kien jidher li qed ihalli r-rizultat mixtieq. U hija dik l-informazzjoni li l-ewwel Qorti aktarx riedet tikseb qabel ma tghaddi sabiex teroga dik il-piena skond l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446. Haga din li timmanifesta l-ghaqal tal-ewwel Qorti u mhux, kif jallega l-imputat appellant, zball procedurali tant li mis-sentenza appellata huwa evidenti li l-ewwel Qorti siltet informazzjoni relevanti li ma kienitx imnizzla fis-sentenza tat-22 t'Awwissu, 2005 u li kien utili ghaliha biex tara l-fatti kollha li kienu jsawru dak il-kaz;

9. Issa, minkejja dak appena osservat, l-appellant talab li tkun varjata l-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan allura jinkorpora s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Dwar dan, irid jinghad illi fi zmien tal-kommissjoni tar-reat, l-piena applikabbli kienet ferm aktar gholja minn dik kif inhi llum tant li bis-sahha tal-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta, akkuza ta' ksur tal-ligijiet dwar id-droga konsistenti fil-pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantita' ta' anqas minn zewg grammi ghandha tingieb quddiem il-

Kummissarju tal-Gustizzja versu penali ta' bejn €75 u €125 f'kaz ta' sejbien ta' htija;

10. Issa, skond l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali :

> **"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."**

Dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali huwa in sintonija mad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea Ghad Drittijiet tal-Bniedem (ara per ezemplari **Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109***)* u ghalhekk ma hemm htiega ta' ebda kunsiderazzjoni ulterjuri u l-Qorti ser tipprovdi ghar-riduzzjoni tal-piena fil-parti finali ta' din is-sentenza;

11. Illi l-appellant jillanja l-piena erogata bhala wahda eccessiva bil-perswasjoni li kien kkundannat ghall-tlett snin u nofs prigunerija ghal-pussess ta' gramma u nofs eroina. Dan il-konvinciment huwa wiehed zbaljat ghaliex fil-verita', s-sejbien ta' htija dwar il-pussess tad-droga kien sanzjonat b'sitt xhur prigunerija u kien wara li l-Qorti trattat mal-imputat dwar ir-reati li dwarhom kien tqieghed taht ordni ta' probation li kkundannatu ghall-tlett snin dwar dawk ir-reati u li ghalhekk flimkien jammontaw ghall-tlett snin u nofs. Kien dovut ghall-imputat stess li ma gharafx joqghod ghall-ordni ta' probation li ggenera dik il-piena minnu lamentata;

12. Issa, ghalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta meta trattat mal-imputat dwar ir-reati li ghalihom kien tqieghed taht ordni ta' probation, u ghalkemm fil-vesti revizorja taghha din il-Qorti ma ghandhiex tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercita mill-

ewwel Qorti, hi tal-fehma li hemm raguni ghal-temperament. Wara ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta illi l-incident mertu tas-sentenza tat-22 t'Awwissu, 2005 kien dovut ghall-kundizzjoni psikika tal-imputat u l-Qorti li kienet qeghditu taht ordni ta' probation fehemet sew din is-sitwazzjoni wara l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu f'dak il-process. Issa, mill-atti jirrizulta illi l-imputat ghamel ukoll xi zmien il-habs wara s-sentenza in disamina, jigifieri dik appellata, u din il-Qorti inghatat ragunjiiet li bihom tifhem li l-imputat huwa persuna li ikkorrobora mal-pulizija u ghalhekk jista' jkun hemm lok ghall-piena alternattiva bil-ghan ta' possibbilta' li l-imputat jirriabilita ruhu;

13. Illi *prima facie*, minn qari tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, jidher li meta persuna tinsab hatja ta' kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, l-Qorti hija projbita' milli taghmel sanzjoni komunitarja ohra fit-termini tal-istess Kapitolu. Minn qari akkurat tal-artikolu 23(2), izda, jemergi illi l-projbizzjoni tezisti biss meta persuna tkun inghatat ordni ta' probation b'servizz komunitarju jew ordni ta' probation u servizz komumitarju jew liberazzjoni kondizzjonata. B'hekk il-projbizzjoni ma tapplilkax fejn persuna tkun inghatat ordni ta' probation wahidha:

> **Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi trattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht *probation* b'ordni ta' servizz fil-komunita', jew b'ordni ta' *probation* u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).**

Fit-test Ingliz:

> **Subject to the provision of subarticle (3), where a person is dealt with for the offence for which he was placed on probation on a community service order or a combination order or conditionally discharged, it shall not be lawful for the court to place the offender under a community sanction or to make an order as provided inarticle 22(1)**

14. Illi ghalhekk, eskluza minn din il-projbizzjoni hemm l-ordni ta' probation kif postulata fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 446, l-Att dwar il-*Probation* li jfisser allura li Qorti tista' terga titratta mal-hati meta jkun misjub hati ta' kommissjoni ta' reat volontarju waqt l-operat ta' ordni ta' *probation*. U fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, wara li semghet lill-ufficcjal tal-Pulizija u lill-Ufficcjal tal-probation, hekk sejra taghmel din il-Qorti sabiex tkun tat kull opportunita' lill-appellant jirriabilta ruhu u jtemm dan il-kapitolu kriminuz fil-hajja tieghu, u dan minghajr ebda rifless fuq l-operat ta' l-ewwel Qorti;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-ewwel talba ghall konferma tas-sentenza fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u tilqa' t-talba sabiex tipprovdi ghall-piena aktar miti u dan billi tirrevokaha kwantu l-ewwel Qorti kkundannatu ghall-sitt xhur prigunerija kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' penali ta' €125.00 u kwantu t-tielet

imputazzjoni qed testendi l-ordni ta' *probation* ghal-zmien sentejn ohra mill-lum;

16. Il-Qorti fissret fi kliem car, l-obbligi tal-appellant naxxenti mill-estensjoni tal-ordni ta' *probation*.